**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 14 ta` Lulju 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 487/2019 JZM**

**Alternative Technologies Limited**
**(C 45284)**

***kontra***

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-20 ta` Mejju 2019 li jaqra hekk :–

## ***Dikjarazzjoni dwar l-Oggett u l-Fatti tal-Kawza***

*1. Wara sejha li saret mill-korporazzjoni intimata, s-socjeta` esponenti ghamlet l-offerta taghha, liema offerta giet accettata mill-korporazzjoni intimata, biex b`hekk is-socjeta` esponenti dahlet fi ftehim mal-Water Services Corporation, liema ftehim ghandu riferenza WSC/T/49/2016 – Supply and delivery of equipment for refurbishing of ro trains (Lot 2) (LA 054/17 – PD4800010084). Dan il-kuntratt gie ffirmat nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta` Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017), anness u mmarkat bhala Dok A.*

*2. Fit-termini tal-imsemmi kuntratt, is-socjeta` esponenti ntrabtet li tikkonsenja l-prodotti pattwiti sal-erbatax (14) ta` Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b`dan li l-hlas dovut lis-socjeta` rikorrenti bhala korrispettiv kellu jsir mal-konsenja.*

*3. Minhabba avvenimenti li kienu kompletament u assolutament lil hinn mill-kontroll tas-socjeta` esponenti, il-konsenja shiha saret lill-korporazzjoni fit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017).*

*4. Permezz ta` ittra datata hmistax (15) ta` Gunju elfejn u tmintax (2018), il-korporazzjoni intimata nformat lis-socjeta` esponenti illi kienet qieghda zzomm is-somma ta` sebgha u ghoxrin elf u tmienja u erbghin Euro (€27,048.00) mill-hlas dovut bhala allegat penali ghar-ritard, b`dan li fl-ghoxrin (20) ta` Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-korporazzjoni intimata hallset biss il-bilanc imnaqqsa s-somma mizmuma bhala hekk imsejha `penali` (Dokument anness u mmarkat bhala Dok B).*

*5. Id-decizjoni tal-korporazzjoni intimata illi zzomm is-somma ta` €27,048.00 qua penali hija kompletament infondata fil-ligi, u dan ghal diversi ragunijiet hekk kif indubbjament ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta` dawn il-proceduri.*

*6. Ghalkemm il-penali mahsuba kienu ntizi sabiex jaghmlu tajjeb ghal kwalsiasi danni li setghu jkunu sofferti mill-korporazzjoni intimata bhala rizultat ta` xi inadempienza tal-esponenti, jirrizulta li, fil-kaz in dizamina, ir-ritard tal-konsenja b`biss disgha u sittin (69) jum ma rreka l-ebda danni lill-korporazzjoni intimata - u dan kif ser jigi ampjament muri fil-mori ta` dawn il-proceduri.*

*7. Ghaldaqstant il-korporazzjoni intimata ma kellhiex ragun timponi l-penali suriferiti, b`dan li tali flus ma humiex verament dovuti bhala kumpens ghad-danni billi effettivament l-ebda danni ma gew sofferti - tant li z-zamma da parte tal-korporazzjoni tal-flejjes dovuti lis-socjeta` rikorrenti jikkostitwixxi agir abbuziv li minnu l-korporazzjoni ghamlet profitt indebitu.*

*8. Min-naha l-ohra anke kieku stess, ex gratia argomenti, jinghad li l-korporazzjoni intimata verament sofriet xi danni (li certament ma huwiex il-kaz), l-istess korporazzjoni taf tajjeb, ghaliex kienet giet infurmata minn rapprezentant tas-socjeta` esponenti, illi d-dewmien sehh minhabba xi haga barranija li taghha s-socjeta` esponenti ma kellhiex htija.*

*9. Skont l-Artikolu 38 tal-General Conditions for Supply Contracts v1.06 mahruga fl-erbgha (4) ta` Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) ebda penali ma kienu dovuti kemm –il darba r-ritard fil-konsenja kienet attribwibbli ghar-ragunijiet lil hinn mill-kontrol tas-socjeta` rikorrenti.*

*10. Fil-fatt ir-raguni ghar-ritard tal-konsenja in kwistjoni kienet unikament dovuta ghan-nuqqassijiet tas-socjeta` estera li maghha kkontrattat is-socjeta` rikorrenti sabiex min-naha taghha tipprovdi u tikkonsenja l-prodotti in kwistjoni, u dan nonostante li s-socjeta` rikorrenti ghamlet dak kollu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tizgura li jigu onorati l-obbligi kuntrattwali pattwiti.*

*11. Ghalhekk ukoll is-socjeta` esponenti ma setghat qatt tinzamm responsabbli ghad-dewmien u konsegwentement qatt ma kelllhom jigu mposti l-penali de quo agitur.*

*12. F`kull kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, qieghed jigi rilevat illi anke kieku, ghall-argument, huwa dovut xi hlas bhala penali, l-ammont mizmum mill-korporazzjoni hu kjarament esegerat, sproporzjonat, u eccessiv u jmur kontra l-ispirtu tal-ligi, in partikolari, tal-art.1118 et seq tal-Kap.16.*

*13. B`zieda ma` dak hawn fuq premess, is-socjeta` esponenti tirrileva li l-korporazzjoni intimata mhux biss zammet ghaliha flejjes bhala penali li ma kienux verament dovuti, izda li hija naqset wkoll li thallas l-ammonti kollha dovuti lis-socjeta` esponenti fit-termini miftiehma. Dan billi, filwaqt li l-konsenja saret fit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Dicembru elfejn u sbatax (2017), il-hlas effettivament sar numru ta` xhur wara u senjatament fl-ghoxrin (20) ta` Lulju elfejn u tmintax (2018).*

*14. Illi ghalhekk il-korporazzjoni intimata naqset milli thallas l-imghax pattwit u li kien lahaq iddekorra fuq is-somma dovuta minkejja li din thallset tardivament.*

*15. L-esponenti tiddikjara li taf b`dawn il-fatti personalment.*

***<u>Raguni ghat-Talbiet f`dawn il-Proceduri</u>***

*16. Il-korporazzjoni intimata giet interpellata diversi drabi anke permezz ta` Protest Gudizzjarju bin-numru ta` referenza 242/2018 u b` ittra legali datata tnejn (2) ta` April tas-sena elfejn u dsatax (2019), izda hija baqghet inadempjenti.*

*17. Fil-fatt ghalkemm is-socjeta` esponenti ottemprat ruhha mad-dispozizzjonijiet relattivi ghall-amicable dispute settlement procedure ravvizat fit-tender moghti lilha, dan ukoll sar inutilment sforz l-inadempjenza tal-korporazzjoni intimata li qatt ma ndenjat ruhha li twiegeb ghall-interpellazzjonijet.*

*18. Illi ghalhekk l-esponenti ma kellha ebda ghazla ghajr li tirrikorri sabiex titlob rimedju minghand din l-Onorabbli Qorti permezz tal-prezenti azzjoni.*

***Talbiet***

*Ghaldaqstant, tghid il-korporazzjoni intimata ghalfejn m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet `il fuq premessi u ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw mit-trattazzjoni ta` dawn il-proceduri, u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, taghddi sabiex :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-korporazzjoni intimata agixxiet b`mod abbuziv u illegali meta zammet is-somma ta` €27,048.00 bhala penali.*

*2. Tikkundanna u tordna lill-istess korporazzjoni intimata thallas is-somma ta` €27,048.00, jew ammont verjuri, lis-socjeta` esponenti ghar-ragunijiet premessi.*

*3. Tillikwida l-imghaxijiet kummercjali fuq l-ammont imsemmi fit-tieni talba, mid-data tad-dovut pagament; u tikkundanna lill-istess korporazzjoni intimata ghall-hlas tal-imghaxijiet hekk likwidati.*

*4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-korporazzjoni intimata hija responsabbli ghall-hlas tal-imghax skont il-ftehim fuq l-ammont li thallas sa issa u dan minhabba d-dewmien kif fuq intqal, u tordna l-hlas lill-esponenti tal-istess imghax.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju tad-9 ta` Awwissu 2018, kontra l-korporazzjoni intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fil-<u>21 ta` Gunju 2019</u> li taqra hekk :-

***A. PRELIMINARI***

*Illi permezz ta` din il-kawza, s-socjetà rikorrenti qieghda tittenta tigbor minghand l-esponenti is-somma ta` €27,048.00 u kif ukoll l-imghaxijiet minhabba allegat hlas tardiv. Illi, kif ser jirrizulta minn din ir-risposta u mill-provi u trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti tirrespingi kategorikament tali pretensjoni stante li dan l-ammont kien debitament mizmum mill-esponenti bhala forma ta` penali kif awtorizzata li taghmel mill-kuntratt ta` servizz WSC 1105/15/2 – LA 054a/17 – PD4800010084 – T/49/2016 (`il-Kuntratt`) maqbul bejn il-partijiet u dan minhabba nuqqasijiet attribwibbli lis-socjeta` rikorrenti.*

***B. FATTI RELATTIVI***

*1. Illi dan huwa kaz illi jikkoncerna kuntratt ta` servizz fejn is-socjeta` rikorrenti ntrabtet li tikkonsenja ammont ta` ghodda u materjal relatat ma` rinovazzjoni ta` `ro trains`.*

*2. Illi kif ben indikat mis-socjeta` rikorrenti fir-Rikors Promotur, id-data ta` konsenja miftiehma originarjament kellha tkun l-14 ta` Ottubru 2017, ossia 36 gimgha mid-data tal-kuntratt.*

*Madanakollu, l-konsenja saret fit-22 ta` Dicembru 2017, ossia 69 gurnata iktar tard minn dak pattwit.*

*3. Illi mhuwiex kontestat li s-socjeta` rikorrenti kienet kitbet lill-korporazzjoni konvenuta fit-12 ta`Ottubru 2017 (Dok ATX), titlob illi jigi estiz it-terminu tal-konsenja. Iz-zmien mitlub ghall-estensjoni f`din l-ittra kien dak ta` tmien gimghat.*

*4. Illi tali talba kellha ssir tal-anqas 15-il gurnata minn meta l-kuntrattur, ossia s-socjeta` rikorrenti, saret taf li ser ikun hemm problemi sabiex il-konsenja ssir fil-hin, dan ai termini ta` Artikolu 20.2 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-Kuntratt (Dok. A gia esebit mar-rikors promotur) u mhux jumejn qabel l-iskadenza.*

*5. Illi dan ifisser illi mhux biss il-konsenja saret b`mod tardiv ai termini tal-ftehim originali, izda s-socjeta` rikorrenti hadet sahansitra aktar miz-zmien ulterjuri minnha pprospettat.*

*6. Illi effettivament, ebda permess ma kien inghata mill-korporazzjoni esponenti lis-socjeta` rikorrenti sabiex jigi estiz it-terminu.*

*7. Illi kien ghalhekk illi l-korporazzjoni konvenuta rrikorriet ghall-uzu ta` Artikolu 21 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-Kuntratt, li jistabbilixxi penali f`kaz ta` dewmien tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt ekwivalenti ghal 5/1000 tal-valur tal-materjal mhux konsenjat ghal kull gurnata ta` dewmien, b`limitu ta` 15% tal-valur totali tal-kuntratt. Illi ai termini tal-istess artikolu, tali penali hija kompletament a diskrezzjoni tal-korporazzjoni esponenti u ebda avviz formali ma kien mehtieg illi jinghata lis-socjeta` rikorrenti.*

*8. Illi effettivament l-ammont ta` €27,048 huwa ekwivalenti ghall 15% biss tal-valur totali tal-kuntratt u dan stante li li kieku kellu jittiehed 5/1000 tal-valur tal-materjal li ma kienx ikkonsenjat fil-hin*

*ghad-69 jum illi l-materjal baqa` ma giex konsenjat, il-penali dovuta kienet tkun dik ta` €62,210.39.*

*9. Illi mhux minnu illi l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti kellu jithallas mal-konsenja kif indikat fil-paragrafu enumerat numru 2 tar-rikors promotur. Dan stante li ai termini ta` Artikolu 26.3 tal-Kundizzjonijiet Specjali tal-Kuntratt, il-perjodu li fih kellu jigi affettwat il-hlas kien 60 jum mill-"Provisional Acceptance of Supplies". Dan ukoll kif maqbul u ffirmat fl-ewwel addendum tal-istess kuntratt datat 29 ta` Mejju 2018 (Dok WSC1).*

*10. Illi c-certifikat ta` Provisional Acceptance inhareg biss fit-22 ta` Jannar 2018 (Dok. WSC2), u l-pagament relattiv huwa dejjem suggett ghall-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Energija, liema approvazzjoni inghatat biss fis-17 ta` Mejju 2018 u dan kif jidher mill-email hawn anness u mmarkat Dok. WSC3. Dan stante li n-natura ta` dan il-kuntratt hija wahda pubblika li tinnecessita` l-approvazzjoni tal-awtoritajiet koncernati. Ghaldaqstant kwalunkwe allegat dewmien fil-hlas mhuwiex attribwibbli lill-korporazzjoni esponenti..*

***C. <u>ECCEZZJONIJIET</u>***

*1. Illi il-Korporazzjoni esponenti teccepixxi li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Korporazzjoni esponenti bl-ebda mod ma agixxiet b`xi mod abbuziv u illegali. Anzi, kienet is-socjeta` rikorrenti illi naqset mill-obbligi taghha skont ftehim maqbul bejn il-partijiet, u dan kif effettivament diga` ammess mis-socjeta rikorrenti fir-Rikors promotur u kif ser jirrizulta ahjar mill-provi.*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda hlasijiet ma huma dovuti lis-socjeta` rikorrenti stante li l-Korporazzjoni esponenti mxiet ai termini tal-poteri diskrezzjonali moghtija lilha permezz tal-kuntratt maqbul bejn il-partijiet u effettivament is-somma ta` €27,048.00 tirrapprezenta ammont ta`*

*penali debitament mizmum mill-Korporazzjoni esponenti u mhux hlasijiet dovuti lis-socjeta` rikorrenti.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda imghax ma hu dovut lis-socjeta` rikorrenti.*

*Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-risposta guramentata.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi kollha l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Fatti

Alternative Technologies Limited ("**is-socjeta` attrici**") wiegbet ghal sejha pubblika bir-referenza WSC/T/49/2016 li harget il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ("**il-Korporazzjoni**") ghal *Supply*

*and Delivery of Equipment for the Refurbisment of RO Trains through a negotiated procedure for the Water Services Corporation*.

Fit-3 ta` Novembru 2016 is-socjeta` attrici ressqet formalment l-offerta taghha ghall-kunsiderazzjoni tal-Korporazzjoni[1]. Fost id-dokumentazzjoni li kienet prezentata mal-offerta, is-socjeta` attrici ssottomettiet ukoll *technical offer* minn Düchting Pumpen ("**DP**") li hija kumpannija barranija[2] li ghandha l-kwartieri generali taghha fiz-zona tar-Ruhr fil-Germanja. DP ilha topera mill-1938 u tispecjalizza fil-kamp ta` l-"*advanced centrifugal pumps for use in the desalination reverse osmosis industry, fuel gas desulphurization industry, mining and chemical pigment industry*".

Il-Korporazzjoni laqghet l-offerta tas-socjeta` attrici.

Fis-16 ta` Frar 2017 is-socjeta` attrici harget garanzija bankarja fl-ammont ta` €7,212.80 favur il-Korporazzjoni.

Skont kuntratt[3] li kien iffirmat bejn is-socjeta` attrici u l-Korporazzjoni fis-27 ta` Jannar 2017, kien patwit ill ital-ewwel kellha taghmel fornitura u konsenja ta` "*equipment for the refurbishment of R/O trains as follows: Lot No. 2 – Booster Pumps*"[4].

Skont il-klawsola numru 19.1, Sezzjoni numru 3, tal-kuntratt intitolata *Special Conditions*, is-socjeta` attrici obbligat ruhha li tikkonsenja l-prodott fi zmien 36 gimgha "*from the date of the Notification Award*"[5]. Obbligat ruhha li tlesti u tikkonsenja l-prodott lill-Korporazzjoni sal-14 ta` Ottubru 2017. Il-hlas li kellu jkun dovut lis-socjeta` attrici kellu jammonta ghal total ta` €180,319.98.

[1] Dok. A a fol. 124 *et seq.*

[2] Ara l-covering letter a fol. 111 u 112.

[3] Kuntratt bir-referenza : WSC 1105/15/2 – LA054a/17 – PD4800010084 – T/49/2016

[4] Dok. A a fol. 12 *et. seq.*

[5] A fol. 17.

Il-kuntratt li jirregola r-relazzjoni u l-obbligazzjonijiet rispettivi tal-partjiet fil-provvista tas-servizz mitlub mill-Korporazzjoni huwa wiehed kopjuz. Fil-parti li hija ntitolata *General Conditions for Supply Contracts* v1.06 tal-4 ta` Jannar 2016 tnizzlu diversi pattijiet u kondizzjonijiet li kellhom jirregolaw il-konsenja.

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghal **Art 21 tal-kuntratt** li huwa **saljenti** ghar-rizoluzzjoni ta` din il-kawza :

***Delays in execution***

*21.1* *If the Contractor fails under his own responsibility to deliver any or all of the goods or perform the service within the time limit(s) specified in the contract, the Contracting Authority shall, without formal notice and without prejudice to its other remedies under the contract, be entitled, for every day which shall elapse between the expiry of the contractual period and the actual date of completion, to liquidated damages equal to 5/1000 of the value of the undelivered supplies to a maximum of 15% of the total value of the contract.*

*21.2* *If the non-delivery of any of the goods prevents the normal use of the supplies as a whole, the liquidated damages provided for in paragraph 21.1 shall be calculated on the basis of the total contract value.*

B`ittra tat-**12 ta` Ottubru 2017**[6], fejn irreferiet ghall-provvista ta` 6 *horizontal booster pumps*, is-socjeta` attrici gibdet l-attenzjoni tal-Korporazzjoni dwar il-fatt illi "*because of something completely out of or control, the shipment of such is going to be slightly delayed*."

[6] Dok. ATX a fol. 156 sa 158.

Tkompli tghid hekk :-

"*The motors are already mounted in the plates and the rotor (impeller, bearings, and bearing housing) is completely mounted. However, when the casings arrived, the company found some discrepancies and irregularities. The process could have continued and we could have delivered just in time, following which we would have performed a modification on the field.*

*However because we wanted to send the product without having to make any modifications, the company, Düchting Pumpen, decided to cast new casings in order to deliver the best quality. This unfortunately delayed the completion of the works.*"

Ghalhekk talbet estensjoni ta` tmien (8) gimghat taz-zmien tal-konsenja li kien ta` 36 gimgha[7].

**Ir-risposta tal-Korporazzjoni waslet tmien xhur wara.**

Infatti b`ittra tal-**15 ta` Gunju 2018** il-Korporazzjoni cahdet ir-rikjesta ta` s-socjeta` attrici ghal estensjoni ghar-raguni lit-talba taghha : "*has not been favourably considered as the justifications mentioned therein are not deemed reasonable enough to warrant an extension and an addendum to the original contract as these are not classified as a `force majeur`. In this regard payment is subject to a penalty for late delivery amounting to €27,048 …*"

It-tabella annessa mal-ittra tal-Korporazzjoni turi li s-somma ta` €27,048 tammonta ghal 15% tal-valur tal-kuntratt.

[7] Dok. B a fol. 135 u 136.

Ghalkemm is-socjeta` attrici kienet obbligata li taghmel il-konsenja sal-14 ta` Ottubru 2017, ghar-ragunijiet li ndikat fl-ittra taghha fuq riferita, ghamlet il-konsenja fit-22 ta` Dicembru 2017, u cioe` dewmien ta` 69 gurnata.

**It-talbiet tas-socjeta` attrici huma <u>relatati u centrati</u> esklussivament fuq id-detrazzjoni mill-Korporazzjoni mill-ammont dovut lilha tas-somma ta` €27,048 li din qieset li kellha kull jedd li tnaqqas bhala penali ghal dewmien fil-konsenja.**

Din id-detrazzjoni kienet kontestata qabel saret il-kawza. Infatti fid-9 ta` Awissu 2018 kien prezentat protest gudizzjarju kontra l-Korporazzjoni[8].

## III. <u>Provi</u>

Id-diretturi tas-socjeta` attrici huma **<u>Maria u Mario konjugi Cachia</u>**.

It-tnejn xehdu fil-kawza.

**Dan huwa riassunt ta` d-deposizzjoni taghhom** :

Xehdu li minnufih wara li kien iffirmat il-kuntratt mal-Korporazzjoni, is-socjeta` attrici bdiet tahdem fuq il-progett sabiex taqdi l-obbligi minnha assunti u taghmel il-konsenja fiz-zmien li kien miftiehem mal-Korporazzjoni.

[8] Dok. C a fol. 137 u 138.

**Dr Cachia** tishaq illi ma nhela ebda zmien.

**Ing. Mario Cachia** fisser li hekk kif harget is-sejha ghall-offerti, is-socjeta` attrici bdiet bil-kuntatti taghha ma` Düchting Pumpen fejn kienu trattati l-aspetti teknici tat-tender. Ighid illi kienet maghzula Düchting Pumpen ghaliex hija kumpannija serja u rinomata b`reputazzjoni tajba hafna fil-qasam.

Jinghad illi s-socjeta` attrici u dik fornitrici estera kienu diga` hadmu flimkien fil-passat fuq xoghol iehor u ghalhekk huma kellhom esperjenza dwar is-servizz li setghet toffri Düchting Pumpen fil-konsenja tal-materjal u l-prodotti mertu tat-*tender*.

Fit-3 ta` Novembru 2016 Düchting Pumpen baghtet l-offerti teknika u kummercjali taghha. Huma kienu sodisfatti bil-prodott u d-dokumentazzjoni li giet minn barra ntuzat sabiex is-socjeta` attrici ghamlet l-offerta lill-Korporazzjoni. Waqt li kienet qeghda tistenna l-esitu tal-ghoti tat-*tender*, ghamlet negozjati ma` Düchting Pumpen dwar it-termini tal-hlas. Dan sar sabiex jithaffef il-process u tkun lahqet iffinalizzat id-dettalji qabel il-firma tal-eventwali kuntratt mal-Korporazzjoni.

**Ing. Cachia** kompla stqarr illi b`email tat-23 ta` Jannar 2017, l-Engineer Jose` Espinosa, rapprezentant ta` Düchting Pumpen, informa lis-socjeta` attrici li z-zmien tal-konsenja kien se jibda jiddekorri mid-data tal-versament tal-*advance payment*. U kellu jkun ta` 32 gimgha. Il-kondizzjonijiet tal-fornitrici estera kienu sejrin jaghtu lis-socjeta` attrici zmien bizzejjed sabiex taghmel il-konsenja lill-Korporazzjoni.

Il-Korporazzjoni accettat l-offerta tas-socjeta` attrici u l-kuntratt mal-Korporazzjoni kien iffirmat fis-27 ta` Jannar 2017.

Sar ukoll kuntratt relatat bejn is-socjeta` attrici u Düchting Pumpen, f`liema kuntratt dahlu l-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha li

kienu mehtiega sabiex is-socjeta` attrici tkun tista` tirrispetta l-obbligi li kellha fil-kuntratt taghha mal-Korporazzjoni. Düchting Pumpen kienet taf li s-socjeta` attrici kellha kuntratt mal-Korporazzjoni, u ghalhekk kien krucjali li Düchting Pumpen taghmel il-konsenji skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt li kien sar mis-socjeta` attrici mal-Korporazzjoni. Is-socjeta` fornitrici accertat lis-socjeta`attrici li kienet ser tikkonsenja l-prodotti bil-prezz miftiehem u ferm qabel iz-zmien li s-socjeta` attrici kien patwit mal-Korporazzjoni sabiex taghmel il-konsenja.

Skont l-*order form*, is-socjeta` estera kellha tikkonsenja l-prodotti lis-socjeta` attrici sad-9 ta` Ottubru 2017[9]. Min-naha taghha, is-socjeta` attrici kellha taghmel il-konsenja lill-Korporazzjoni sal-14 ta` Ottubru 2017. Is-socjeta` attrici ffirmat il-konferma tal-ordni ghall-prodotti fl-1 ta` Marzu 2017 u baqghet f`kuntatt kontinwu mas-socjeta` fornitrici sabiex tassigura li "*kollox jimxi harir*". L-istess ghamlet mal-Korporazzjoni fis-sens illi zammitha nfurmatha dwar ix-xogholijiet li kienu qeghdin isiru.

Fit-3 ta` Marzu 2017 is-socjeta` attrici hallset lil Düchting Pumpen is-somma ta` €34,260.80. Fis-17 ta` Marzu 2017 harget *letter of credit* favur is-socjeta` estera minn Bank of Valletta plc. Il-bank tas-socjeta` estera u cioe` Deutsche Bank AG approva l-*letter of credit.*

Kompla jinghad illi ghalhekk is-socjeta` attrici u dik fornitrici kienu qablu li d-data tal-konsenja kellha tkun id-9 ta` Ottubru 2017, fil-*letter of credit* is-socjeta` attrici nsistiet li `*the last date of shipment*` kellha tkun it-22 ta` Settembru 2017. Matul il-process kollu, kien hemm insistenza mis-socjeta` attrici li kellhom ikunu rispettati l-vinkoli taz-zmien ghall-konsenja minhabba l-obbligi kontrattwali li s-socjeta` attrici kellha mal-Korporazzjoni[10].

---

[9] Dok. 4 a fol. 178 sa 179.
[10] Vide e-mail datata 23 ta` Frar 2017 a fol. 203.

**Dr Cachia** spjegat li meta harget il-*letter of credit,* il-*credit relationship manager* ta` Bank of Valletta plc, Maximillian C. Fenech, kien stqarr li jekk il-Korporazzjoni ma thallasx lis-socjeta` attrici fi zmien xahrejn, hija kienet ser titlef il-profitt kollu mill-progett minhabba l-interessi li kienu ser jiddekorru favur il-bank. Ghalhekk is-socjeta` attrici kellha l-interess li kollox jimxi sewwa.

Bhala parti mill-ftehim, il-Korporazzjoni kellha tibghat rapprezentat taghha ghand is-socjeta` fornitrici estera sabiex issir verifika li kienu qeghdin isiru l-*performance tests* necessarji fuq l-apparat. Fis-26 ta` Lulju 2017, Jose` Espinosa gharrafhom li r-rapprezentat tal-Korporazzjoni seta` jmur il-Germanja ghal dak l-iskop. Min-naha taghha s-socjeta` attrici avzat b`dan minnufih lill-Korporazzjoni. Fl-4 ta` Awwissu 2017, l-Ing. David Sacco mill-Korporazzjoni avza "*that due to work exigencies, Water Services Corporation is not in a position to send personnel to witness the performance tests at factory*." Is-socjeta` attrici rat li da parti taghha ma kien hemm xejn aktar x`isir hlief li tkompli ssegwi l-process billi zzomm kuntatti regolari kemm ma` Düchting Pumpen kif ukoll mal-Korporazzjoni.

Fil-bidu ta` Settembru 2017, Jose Espinosa informa lis-socjeta` attrici li kien hemm diskrepanza zghira fil-*pump casings* li kienu ordnati ghall-muturi tal-pompi. Ghalhekk Düchting Pumpen hadet id-decizjoni "*to recast the casings*". Ghas-socjeta` attrici din ma kenitx ahbar tajba u lanqas kienet mistennija billi dak il-fatt kien ser ifisser dewmien fil-konsenja. Is-socjeta` attrici minnufih avzat lil Espinosa li d-dewmien fil-konsenja kien se jinvolvi l-hlas ta` penali. Da parti tieghu Espinosa fisser li ma kienx hemm alternattiva ghaliex jekk ma kienx se jsir ir-recast Düchting Pumpen ma kinitx ser tiggarantixxi l-kwalita` tal-prodott. Fic-cirkostanzi s-socjeta` attrici kellha taccetta d-decizjoni ta` Düchting Pumpen billi ma radix tikkonsenja prodott difettuz ghalkemm sahqet mal-fornitur li l-konsenja kellha ssir kemm jista` jkun fi zmien qasir.

Id-dewmien fil-konsenja kien dovut ghal ragunijiet li kienu jmorru lil hinn mill-kontroll ta` s-socjeta` attrici. Il-konsegwenzi bdew

jinhassu minnufih.  Kellha titlob emenda tal-*letter of credit.*  Dan kien jinvolvi *bank charges* ta` €237.60.  Billi Düchting Pumpen accettat ir-responsabilita` tad-dewmien, hallset hi dawk il-*bank charges* zejda.

Fir-rigward tal-Korporazzjoni, din kienet informata bid-dewmien u ntalbet estensjoni taz-zmien ghall-konsenja. Fit-12 ta` Ottubru 2017, intbaghtet ittra lil Sean Dimech, *Procurement Officer* tal-Korporazzjoni, fejn dan kien infurmat formalment bid-dewmien[11]. Sean Dimech wiegeb b`email tat-13 ta` Ottubru 2017 fejn waqt li kkonferma li l-Korporazzjoni kienet irceviet l-ittra stqarr li kien ghaddieha lill-*project leader*[12].

Min-naha taghha, is-socjeta` attrici baqghet tinsisti ma` s-socjeta` estera sabiex il-konsenja ssir mill-aktar fis.  Ghal dawn is-solleciti, Jose` Espinosa b`email tat-13 ta` Ottubru 2017 wiegeb : "*They should understand that the delay is because we, as manufacturer, decided to cast a new casings.  It is the best that we can do to full the expectation in our products.*[13]"

Minkejja li l-ittra tas-socjeta` attrici marret ghand il-*project leader,* Il-Korporazzjoni baqghet ma tatx twegiba ghat-talba ghall-estensjoni.

Kompla jinghad mid-diretturi tas-socjeta` attrici illi b`email tas-17 ta` Novembru 2017 lil Jose Espinosa rega` kienet enfasizzata l-importanza li d-ditta manifattutrici tfittex taghmel l-ispedizzjoni lejn Malta ghaliex is-socjeta` attrici kienet esposta li tinkorri penali fl-ammont ta` €500 ghal kull gurnata ta` dewmien :

> "*We don`t expect you to delay this any longer.  As we said we will do this by the ear.  You have already failed to deliver in time for the first LC.  We cannot keep pushing this back, especially since you have flatly refused to accept*

[11] Dok. 8 a fol. 184 sa 189.
[12] Fol. 188.
[13] Fol. 207.

*responsibilietes for your inability to manufacture pumps on time as had been promised. I trust that you understand the urgency. Please don`t delay any longer*."

Il-konsenja saret fit-22 ta` Dicembru 2017.

Il-Korporazzjoni accettat il-konsenja minghajr rizervi.

Wara l-konsenja, is-socjeta` attrici baghtet fattura lill-Korporazzjoni ghall-hlas ta` €126,223.90 (minghajr VAT) rapprezentanti 70% mill-valur shih tal-kuntratt[14]. Billi l-hlas kien baqa` ma sarx, fl-1 ta` Frar 2018 AT baghtet it-tieni fattura fejn talbet il-hlas ta` €58,333.28 (minghajr VAT) rapprezentanti r-rimanenti 30% mill-valur shih tal-kuntratt[15]. Il-hlas intalab skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

**Il-konjugi Cachia** komplew jixhdu li ghalkemm kienu ghaddew ix-xhur, il-Korporazzjoni baqghet ma effettwatx il-hlas. Saru diversi telefonati u emails. Fid-19 ta` Frar 2018, fil-21 ta` Marzu 2018 u fid-9 ta` April 2018 intbghatu emails lil Paul Farrugia. Tkellmu wkoll ma` mpjegati ohra tal-Korporazzjoni, fosthom Keith Attard u Stephen Micallef St John. Il-Korporazzjoni ma rrispondietx dwar il-pagamenti.

Dan in-nuqqas tal-Korporazzjoni gab mieghu piz qawwi ghas-socjeta` attrici billi kienet harget hafna flus ghall-progett, u kienet qeghda thallas interessi gholjin fuq is-self bankarju illi kienet hadet sabiex tiffinanzja l-progett. Dan sewa lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta` €171,304, liema ammont kien thallas fl-intier tieghu sas-27 ta` Dicembru 2017. Kellha thallas l-ispejjez tal-garanzija bankarja fl-ammont ta` €7,212.80 oltre *bank charges* ohra li ntefqu ghall-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni bankarja ; apparti spiza agguntiva ta` €2,380 ghall-kopertura tal-assigurazzjoni. L-interessi li

[14] Dok. 10 a fol. 191.
[15] Dok. 10 a fol. 190.

kienu qeghdin jakkumulaw fuq is-self komplew inaqqru mill-profitti li s-socjeta` attrici kellha taghmel mill-progett.

Kompla jinghad li fid-29 ta` Mejju 2018 il-Korporazzjoni talbet li jsir addendum ghall-kuntratt dwar termini ta` hlas differenti minn dawk originarjament miftehma. Din it-talba kienet sorpriza ghaliex il-kuntratt kien ilu li gie ezegwit ix-xhur, apparti l-fatt li l-modalita` tal-hlas kellha tkun skont kif pattwit fil-kuntratt tas-27 ta` Jannar 2017. Minkejja dan kollu, is-socjeta` attrici accettat l-addendum ghaliex altrimenti kienet ser tibqa` minghajr hlas. Fl-20 ta` Lulju 2018, seba` xhur wara li kienet intbaghtet l-ewwel *invoice*, il-Korporazzjoni ghamlet pagament ta` €145,397.96 (minghajr VAT). Is-socjeta` attrici saret taf li l-Korporazzjoni kienet imponiet penali ta` €27,048 ghad-dewmien fil-konsenja.

**<u>Il-konjugi Cachia</u>** xehdu li l-imposizzjoni tal-penali kienet ingustifikata u sproporzjonata, tenut kont tal-fatti tal-kaz, aktar u aktar meta l-Korporazzjoni stess kienet tardiva fil-hlas dovut lis-socjeta` attrici. Apparti li d-dewmien fil-konsenja ma rrizultax illi kien ghal nuqqas da parti tas-socjeta` attrici, id-dewmien fil-konsenja ma kkaguna ebda dannu ta` xejn lill-Korporazzjoni li ilha x-xhur taghmel uzu mit-taghmir konsenjat qabel hallset prezz ridott minhabba l-imposizzjoni tal-penali. Fissru d-dizappunt taghhom ghall-fatt li l-Korporazzjoni qatt ma wiegbet ghall-ittri tas-socjeta` attrici. Lanqas wiegbet ghall-protest gudizzjarju taghhom. Saret din il-kawza wara l-Korporazzjoni njorat is-sejha attrici ghal ftehim bonarju.

**Id-diretturi tas-socjeta` attrici wiegbu ghal domandi in kontroezami.**

**<u>Fil-kontroezami, Dr Cachia</u>** xehdet illi ma tafx ghaliex is-socjeta` attrici tablet l-estensjoni taz-zmien tal-konsenja jumejn biss qabel id-data tal-iskadenza. Taf li skont Art 20 tal-kuntratt, talba ghall-estensjoni tat-terminu kellha ssir tal-anqas 15-il jum qabel l-iskadenza tat-terminu. Bhala fatt, zewgha kien ilu jcempel lill-

Korporazzjoni. Ghalhekk stqarret : "*We don`t really know why it was so late really. It was a bit strange*."

**Fil-kontroezami, Ing. Cachia** xehed illi kien fl-ewwel nofs ta` Settembru 2017 illi kienu nfurmati mis-socjeta` estera li kienet inqalghet problema teknika fil-manifattura tal-prodott. Lejn l-ahhar ta` Settembru 2017 is-socjeta` estera avzathom li l-prodott kellu jinhadem mill-gdid. Dan il-fatt kien ser jissarraf f`dewmien sostanzjali fil-konsenja. Dan it-taghrif sar b`telefonata u ghalhekk ma setax jghid bil-preciz id-data preciza meta s-socjeta` attrici saret taf.

Stqarr illi r-recast tal-casings kellu jiehu madwar gimghatejn jew aktar. Spjega illi l-prodott li kellu jigi konsenjat lill-Korporazzjoni kien partikolari fis-sens illi kellu jkun manifattura skont l-ispecifikazzjonijiet li jkunu nghataw. Dan kien process li kien jinvolvi iz-zmien. Il-casing tal-mutur ukoll jinhadem specifikament ghall-mutur u ghalhekk meta, bhal ma gara f`dan il-kaz, il-casing ma jkunx inhadem tal-qies ordnat, ikollu jerga` jinhdem mill-gdid.

Il-Korporazzjoni kienet ben edotta mill-fatt li l-prodott ried jinhadem *to specification* tant li l-ispecifications indikathom hija stess bhala parti fit-*tender document* li imbaghad kien trasmess lid-ditta estera. Zied jghid illi qabel ma ressqet l-offerta taghha, is-socjeta` attrici baghtet l-*ispecifications* lid-ditta manifattutrici sabiex tassigura ruhha li l-prodott seta` jsir skont l-*ispecifications* tal-Korporazzjoni.

Ikkonferma li kien biss jumejn qabel l-iskadenza tat-terminu li baghtu t-talba ghall-estensjoni. Qabel saret il-kitba pero` huwa kien cempel il-Korporazzjoni u stasqa dwar dak illi kellu jsir biex tintalab estensjoni. L-inginier li kien inkarigat mill-progett kien qallu li kellha tintbaghat ittra fejn formalment tintalab estensjoni tat-terminu. L-ittra setghet tintbaghat sew b`email kif ukoll bil-posta.

Stqarr illi fit-13 ta` Ottubru 2017 huwa rcieva email minghand Jose Espinosa fejn dan irrimarka li l-Korporazzjoni kien messha tifhem

x`kienet ir-raguni ghad-dewmien. Kien biss bl-email tas-17 ta` Novembru 2017 illi wiegeb ghal din l-email ta` Espinosa.

Ikkonferma li s-socjeta` estera kienet edotta mill-penali li s-socjeta` attrici kienet qeghda tinkorri minhabba d-dewmien. Kien propju ghalhekk illi fl-email tieghu tat-13 ta` Ottubru 2017 Espinosa ghadda dik l-osservazzjoni.

Ma kienx kontestat mis-socjeta` attrici li l-konsenja saret lill-Korporazzjoni saret madwar disa` gimghat wara d-data miftehma.

Ikkonferma li l-penali finalment imposta mill-Korporazzjoni kienet ikkalkolata skont it-termini tal-kuntratt u bl-applikazzjoni ta` *capping form* kif stipulat fil-kuntratt. Li kieku ma kien hemm dak il-*capping* il-penali kienet tammonta ghal cirka €62,000.

**Ing. Stephen Galea St. John** xehed li huwa ghandu l-grad ta` Senior Professional mal-Korporazzjoni fejn ilu mpjegat dawn l-ahhar tletin (30) sena.

Xehed illi t-*tender* in kwistjoni kien dwar provvista ta` *equipment* ghal *reverse osmosis plant*. Originarjament il-progett kellu jkun iffinanzjat mill-Korporazzjoni biss, imbaghad kien deciz li ssir applikazzjoni ghall-iffinanzjar tal-progett minn fondi tal-Unjoni Ewropea ("**U.E.**"). Ghalhekk, billi huwa kien *Project Manager* tal-Fondi tal-U.E., dahal ukoll fil-progett tat-*tender* mertu ta` din il-kawza. Ighid illi l-progett tressaq quddiemu meta kien diga` wasal fl-istadji finali u s-socjeta` attrici kellha tithallas tas-servizzi taghha. L-involviment tieghu fil-progett kien biss mil-lat amministrattiv, u cioe sabiex japplika ghall-fondi mill-U.E. Il-persuna nkarigata mill-progett kien Ing. David Sacco.

Stqarr li huwa jaf lid-diretturi ta` s-socjeta` attrici u jqishom bhala persuni kompetenti.

Il-konsenja tal-prodotti saret fit-22 ta` Dicembru 2017, ghalkemm kellha ssir fl-14 ta` Ottubru 2017.

Il-hlas lis-socjeta` attrici sar f`Lulju 2018.

Wara li saret il-konsenja, sar skrutinju tal-kuntratt u kien osservat li kien hemm dewmien fil-konsenja. F`dan il-kaz kien importanti ferm li jigu osservati t-termini ghaliex apparti l-kontrolli nterni li tezegwixxi l-Korporazzjoni, kienu se jsiru aktar kontrolli qabel ma jinghataw jaslu l-flus mill-fondi tal-U.E. F`dan il-kaz kienu ser isiru verifiki nterni kif ukoll verifiki ulterjuri mill-Ministeru u mit-Tezor qabel ma finalment jghaddi l-pagament. F`dan il-kaz kollox kellu jsir bil-preciz altrimenti kien hemm riskju li tigi mposta penali jew addirittura li l-forrnituri ma jithallsux jekk ma jaslux il-fondi mill-U.E. Id-dewmien kien ikkwantifikat. Hadu kont tar-ragunijiet li ngiebu ghad-dewmien. Wara diskussjoni nterna fil-Korporazzjoni, fuq parir tal-Procurement Section, kienet imposta l-penali.

Ikkonferma li s-socjeta` attrici kienet avzat lill-Korporazzjoni li kien ser ikun hemm dewmien fill-konsenja. In-notifika saret fit-12 ta` Ottubru 2017 u cioe` jumejn biss qabel l-iskadenza tat-terminu ghall-konsenja. Skont il-kuntratt din in-notifika kellha ssir tal-inqas 15-il gurnata qabel. Is-socjeta` attrici attribwiet id-dewmien ghal problema fil-*casing* tal-pompi li kien difett fil-kwalita` tal-prodott. Il-problema kienet ikkagunata mid-ditta manifattutrici estera.

Stqarr illi l-ittra tat-12 ta` Ottubru 2017 kienet l-uniku darba meta s-socjeta` attrici lill-Korporazzjoni dwar id-dewmien. Ghal din l-ittra kien hemm *acknowledgment* mill-Procurment Office. Ir-risposta ghat-talba ta` s-socjeta` attrici inghatat f`Gunju ta` wara meta b`ittra tal-15 ta` Gunju 2018 il-Korporazzjoni tat ir-raguni taghha ghall-impozizzjoni tal-penali.

Ikkonferma li meta s-socjeta` attrici avzat lill-Korporazzjoni dwar id-dewmien, il-Korporazzjoni ma tatha l-ebda direzzjoni.

Xehed illi l-impozizzjoni tal-penali kienet il-konsegwenza ta` inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` attrici. Li kieku ma kenitx imposta l-penali, il-Korporazzjoni kienet ser tispicca titlef il-fondi ghall-progett. Ghalhekk ladarba l-konsenja ma saritx fil-hin ma kienx hemm triq ohra ghajr illi tigi mposta l-penali.

Kompla jghid illi meta ssir applikazzjoni ghall-fondi l-iktar dokumenti krucjali huma l-kuntratt u l-*acceptance certificate* li fuqu jkun hemm imnizzel id-data ta` meta tkun trid issir il-konsenja u d-data ta` meta tigi effettwata l-konsenja. Jekk tirrizulta diskrepanza bejn id-data pattwita u d-data meta saret il-konsenja, trid tigi mposta l-penali altrimenti l-fondi ma johorgux. Fin-nuqqas li tigi mposta l-penali jitilef il-finanzjament kollu tal-progett. Ghalhekk, billi f`dan il-kaz giet applikata l-penali, l-Korporazzjoni ma tilfitx il-fondi. Fejn si tratta ta`applikazzjoni ghal fondi mill-U.E. kollox irid isir bil-preciz inkella jintalbu korrezzjonijiet anke ghall-icken zball bil-konsegwenza li jekk id-dokumentazzjoni ma tkunx korretta u l-process ma jigix segwit *ad letteram* jintilef il-finanzjament.

Qal ukoll li in segwitu kien sar addendum ghall-kuntratt sabiex flok il-hlas lis-socjeta` attrici jsir f`zewg pagamenti jsir f`pagament wiehed. Il-hlas mill-Korporazzjoni kien tardiv ghaliex sakemm kienet ipprocessata r-rikjesta ghall-pagament, u sakemm kien segwit il-process tal-applikazzjoni ghall-finanzjament tal-progett mill-fondi tal-U.E., lahaq ghadda certu zmien.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehed illi l-pagament kellu jsir fi zmien sittin (60) gurnata mid-data tal-*provisional acceptance*. Il-*provisional acceptance* saret fit-22 ta` Jannar 2018 u ghalhekk il-pagament kellu jsir fi zmien xahrejn. Madanakollu l-pagament sar fl-20 ta` Lulju 2018.

Qal illi sabiex seta` jigi jsir il-pagament kienet mehtiega l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Energija. Din l-approvazzjoni inghatat fl-14 ta` Mejju 2018. Ghalhekk il-hlas ma setax isir qabel l-14 ta` Mejju 2018.

Fisser li bl-ittra tat-12 ta` Ottubru 2017 is-socjeta` attrici avzat lill-Korporazzjoni illi kienet ser tkun tardiva fil-konsenja bi tmien gimghat. Bhala fatt il-konsenja saret fit-22 ta` Dicembru 2017 li jfisser aktar minn tmien gimghat tard.

**Av. Dr. Yvette Tonna Borg** mir-Registru tal-Qorti xehdet illi l-protest gudizzjarju bin-numru 242/2018 kien notifikat lill-Korporazzjoni fit-16 ta` Awissu 2018. Ma jirrizultax li l-Korporazzjoni pprezentat xi att gudizzjarju kontra s-socjeta` attrici.

**Ing. David Sacco** xehed li huwa nkarigat mill-impjanti tar-*reverse osmosis* u mill-produzzjoni tal-ilma. Ilu f`din il-kariga mal-Korporazzjoni tnejn u ghoxrin (22) sena. Ilu jahdem mal-Korporazjoni ghal dawn l-ahhar hamsa u tletin (35) sena.

Qal illi t-*tender* in kwistjoni kien parti minn investiment biex il-Korporazzjoni taghmel *gradual update* tas-sistema li thaddem l-impjanti tar-*reverse osmosis*. Ing Sacco kien il-*Project Leader* fuq dan il-progett. Ir-rwol tieghu kien tekniku, fis-sens illi kellu jipprepara *technical specifications* li abbazi taghhom johrog it-*tende*r u wara jirrispondi mil-lat tekniku. Waqt il-process li wassal ghall-ghoti tat-*tender* lis-socjeta` attrici saret evalwazzjoni tal-proposta taghha, inkluza t-*technical specification* li pprezentat Düchting Pumpen, li hija ditta rinomata fil-qasam.

Kompla jghid illi t-*tender* kien akkordat lis-socjeta` attrici. Il-Korporazzjoni kienet hadmet mas-socjeta` attrici fuq progetti ohra u kien hemm relazzjoni tajba maghha.

Stqarr illi waqt li kienet diga` ghaddejja l-manifattura tal-prodott li kellu jkun ikkonsenjat, Ing Cachia mis-socjeta` attrici cempel lill-Ing. Sacco fejn avzah li kien hemm problema bil-*components* tal-prodott. Jaf illi Ing. Sacco wiegeb li l-kwistjoni kienet wahda li tolqot it-termini tal-kuntratt u li ghalhekk kien ahjar li l-avviz ikun bil-miktub. Ing. Cachia kiteb minnufih lill-Korporazzjoni. Id-dffikulta` rrizulta li kienet gejja minn Düchting Pumpen.

Jaf illi l-Korporazzjoni ma accettatx it-talba ghall-estensjoni tad-data tal-konsenja kif intalab mis-socjeta` attrici.

Ikkonferma li wara li saret il-konsenja, il-prodott dam xhur ghand il-Korporazzjoni qabel sar uzu minnu. Wara l-konsenja, il-Korporazzjoni bdiet tahdem fuq id-*designs* u bdiet il-manifattura nterna tax-xoghol u l-istruttura li kellha ssir fl-impjanti tar-*reverse osmosis.*

**<u>Fil-kontroezami</u>** xehed illi t-telefonata tal-Ing. Cachia kienet madwar gurnata jew tnejn qabel l-ittra, li kienet datata 12 ta` Ottubru 2017. L-ittra kienet indirizzat lill-Procurement section li finalment tiehu d-decizjoni jekk tkun koncessa l-estensjoni mitluba nkella le. Skont il-kuntratt, it-talba kellha ssir 15-il jum qabel l-iskadenza tat-terminu ghall-konsenja.

**<u>Jonathan Scerri</u>** xehed illi huwa *procurement manager* fil-Korporazzjoni. Huwa nkarigat mit-taqsima li tiehu hsieb *tenders*, *quotations*, *direct orders*, kuntratti u kwalunkwe haga ohra li ghandha x`taqsam ma` xiri.

Spjega illi meta jsir il-kuntratt, it-twettieq tieghu jghaddi ghand il-*project manager* li jkollu l-inkarigu tal-progett. Fil-kaz tal-kuntratt mertu ta` din il-kawza, is-sezzjoni tal-*procurement* intalbet sabiex taghti parir dwar l-estensjoni tat-terminu tal-konsenja li kien intalab mis-socjeta` attrici. It-talba saret b`ittra tat-12 ta` Ottubru 2017.

Din l-ittra waslet ghandu fit-18 ta` April 2018. L-Art 20 tal-kuntratt jirregola t-talba ghall-estensjoni tat-terminu.

Stqarr li jigri diversi drabi li kuntrattur ikun dahal fi ftehim ma` *mother companies* ghall-fornituri u finalment il-*mother companies* ma jaghmlux il-konsenja tal-prodotti fil-hin. Iz-zmien li fih il-Korporazzjoni tistenna li ssir il-konsenja jew it-twettieq tal-kuntratt ikun inkitebl kemm fit-*tender document* kif ukoll fil-kuntratt. Talba ghal estensjoni ghar-raguni li l-manifattur kien tardiv fil-konsenja ma tinkwadrax bhala *force majeur*. Bil-frazi `*Not the contractor`s default*` il-Korporazzjoni tirreferi ghal dewmien marbut strettament mal-kuntrattur li jkun iffirma l-kuntratt mal-Korporazzjoni. Kull problema ohra ta` dewmien li tkun gejja mill-manifattur trid tigi risolta bejn il-kuntattur u l-manifattur billi l-Korporazzjoni ma tidholx f`dawk il-kwistjonijiet.

Kompla jghid illi fil-kaz odjern, apparti l-fatt illi t-talba ghall-estensjoni kienet tardiva, ir-ragunijiet moghtija mis-socjeta` attrici sabiex isostnu t-talba ma kinux gustifikati. Ir-raguni li nghatat mill-kuntrattur kienet illi l-prodott ma kienx *up to standard* u ghalhekk kellu jigi rimedjat qabel issir l-ispedizzjoni. Sar ukoll l-argument illi l-prodott seta` jigi spedit lis-socjeta` attrici mbaghad isir xoghol ta` modifika fuq il-post. Madankollu is-socjeta` attrici ghazlet li tircievi l-prodott tajjeb ghall-uzu. Bhala fatt ikun inutli li jasal prodott difettuz meta dan se jkun certifikat bhala mhux tajjeb. Fil-kaz ta` konsenja ta` prodott difettuz iz-zmien ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt xorta jibqa` jiddekorri u allura xorta wahda l-kuntrattur jispicca jkun tardiv. Fil-kaz odjern, is-socjeta` attrici kienet inadempjenti skont l-Art 20 tal-kuntratt.

Qal illi wara li saret l-evalwazzjoni tat-talba, huwa ghamel ir-rakkomandazzjoni tieghu lill-Head of Section, EU Funds, li dak iz-zmien kien Ing. Charles Brincat. Il-project leader kien Ing. Stephen Galea St John.

**Fil-kontroezami** xehed illi l-penali hija l-konsegwenza naturali ta` meta l-estensjoni tat-terminu ghall-konsenja ma tkunx akkordata. Sahaq li r-rwol tieghu fil-kaz odjern kien illi jaghti parir dwar jekk ir-raguni ghat-talba ghall-estensjoni tat-terminu kinitx tissodisfa l-klawzoli kontrattwali li jghidu kif u meta ghandha tinghata estensjoni. Il-parir jinghata skont ir-raguni li tkun inghatat mill-kuntrattur. Saritx o meno l-ezekuzzjoni tal-kuntratt hija kwistjoni irrelevanti. Huwa qaghad fuq l-ittra tas-socjeta` attrici tat-12 ta` Ottubru 2017 u ma ghamel ebda stharrig ulterjuri.

Kompla jixhed illi l-Art 20.3 ighid illi wara li jinghata l-parir mill-*procurement office*, huwa l-*project leader* illi jrid jikkomunika d-decizjoni lill-kuntrattur. F`dan il-kaz il-parir tal-*procurement office* inghata bil-miktub fid-19 ta` April 2018.

Qal illi r-raguni moghtija mis-socjeta` attrici ma kinitx tikkwalifika bhala *force majeur* skont id-definizzjoni ta` *force majeur* li tirrizulta fl-Art 38 tal-kuntratt.

Fisser illi huwa ha d-decizjoni li jaghti dak il-parir wahdu wara li nterpreta d-dispozizzjonijiet relattivi fil-kuntratt.

Ma setax jaghti raguni ghala l-ittra tas-socjeta` attrici waslet ghandu f`April 2018 meta kienet datata 12 ta` Ottubru 2017. Waslet ghandu minghand l-Ing. Stephen Galea St John.

Qal illi d-dewmien fil-konsenja ma kienx ser itellef lill-Korporazzjoni milli tikkwalifika ghall-fondi tal-U.E. Il-Korporazzjoni setghet titlef il-fondi biss jekk xi klawzola kontrattwali ma tigix osservata.

**Stephen Vella** xehed illi huwa *senior executive* fil-Korporazzjoni. Fl-2017/2018 kien inkarigat mid-*direct orders* u mill-varjazzjonijiet tal-kuntratti. Xehed illi fit-12 ta` Ottubru 2017 il-

Korporazzoni rceviet ittra minghand l-attrici fejn talbet estensjoni tat-terminu ghall-konsenja. B`email tal-20 ta` Ottubru 2017 il-Korporazzjoni harget *acknowledgement* tal-ittra u qalet li kienet ser tistudja r-raguni ghat-talba attrici. L-ittra tat-12 ta` Ottubru 2017 waslet bil-posta. Ma setax ighid meta l-ittra waslet ghand il-Procurement Section tal-Korporazzjoni. In segwitu t-talba kienet respinta.

Xehed illi l-kuntratt in kwistjoni kien jispecifika data ghall-konsejna. It-terminu ma kienx osservat. Bhala konsegwenza kienet imposta penali skont il-kuntratt. Il-penali kienet imposta lil hinn minn jekk il-progett kienx finanzjat b`fondi tal-U.E.

**Fil-kontroezami** kkonferma li risposta formali ghat-talba attrici nghatat f`Gunju 2018. It-talba kienet rigettata ghaliex il-Korporazzjoni dehrilha li r-raguni moghtija mis-socjeta` attrici ma kenitx wahda valida. Ighid illi l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt kienu cari.

## IV. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Minn ezami akkurat tal-atti, in partikolari l-kronaka ta` kif imxiet is-socjeta` attrici matul il-process kollu, jirrizulta li sa minn mindu hareg it-tender sal-mument meta kienet f`qaghda li teffettwa l-konsenja, is-socjeta` attrici mxiet ragjonevolment b`heffa, b`galbu u korrettezza.

Is-socjeta` attrici sahqet li ghamlet l-almu taghha sabiex tassikura li l-konsenja tat-taghmir li kellu jigi minn barra mhux biss tkun ta` prodott tajjeb u hieles minn difetti izda li taghti konsenja fil-hin. Kien krucjali li l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni tkun fil-hin. Is-socjeta` attrici nvestiet ammonti sostanzjali il-progett, principalment b`self bankarju li allura kien jinvolvi imghax u spejjez. Ghalhekk kellha kull interess li taghmel kull ma tista` sal-limitu tar-ragjonevoli

sabiex kull ma kien jiddependi minnha skont il-kuntratt jitwettaq kif kien miftiehem.

Mehuda fl-assjem, il-persuni li gabet bhala xhieda l-Korporazzjoni esprimew sentiment pozittiv dwar ir-relazzjoni kummercjali tal-Korporazzjoni ma` s-socjeta` attrici. Ing. Sacco esprima ruhu fil-pozittiv anke dwar is-socjeta` estera li kienet maghzula mis-socjeta` attrici biex timmanifattura t-taghmir indikat fis-sejha ghall-offerti.

Abbazi tal-provi, jirrizulta li s-socjeta` attrici ilha tahdem fis-settur mertu tat-tender ghal diversi snin u hija meqjusa bhala ditta kompetenti u professjonali. Il-verita` li tohrog mill-provi hija li s-socjeta` attrici kienet koxjenti tal-fatt li Düchting Pumpen kienet teknikament kapaci li tikkonsenja prodott tajjeb u fil-hin. Qajla kellhom tobsor li kien se jinqala` ntopp, tant li jidher evidenti li d-diretturi tas-socjeta` attrici kienu mhassba ferm bil-fatt ghal kollox imprevist li Düchting Pumpen kienet sejra tahdem mill-gdid parti mit-taghmir li kellu jkun konsenjat, fatt li oggettivament kien ser jinvolvi dewmien mfil-konsenja, mhux ragjonevolment imputabbli ghal nuqqas da parti tas-socjeta` attrici.

Tajjeb jinghad li sabiex jigi jkun evitat dewmien kienet esplorata l-opzjoni li ssir il-konsenja tal-prodott fil-hin imbaghad isiru l-modifiki necessarji fuq il-post. Madanakollu s-socjeta` attrici dehrilha li din l-opzjoni ma kinitx fattibbli. Düchting Pumpen stess, li hija ditta li ghandha interess thares ir-reputazzjoni taghha fis-suq, kif jidher mill-email ta` Jose Espinosa, irrifjutat kategorikament illi tirrilaxxja prodott difettuz. Li kieku sar rilaxx b`dak il-mod, id-ditta manifattutrici ma kenitx ser ticcertifika l-prodott taghha. Hemm ukoll id-deposizzjoni ta` Jonathan Scerri li tghid illi kieku stess saret il-konsenja fil-hin, il-fatt li l-prodott kien jehtieg xi modifiki kien iwassal lill-Korporazzjoni sabiex tirrifjuta x-xoghol konsenjat. Fi kwalunkwe kaz, fil-kaz odjern, il-kaz, iz-zmien kien ser jibqa` ghaddej xorta, sakemm issir il-konsenja ta` prodott ta` kwalita` ghas-sodisfazzjon tal-Korporazzjoni.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, mhuwiex fattwalment kontestat li l-konsensja kienet tardiva. Infatti rrizulta li waqt li skont il-kuntratt il-konsenja kellha ssir fl-14 ta` Ottubru 2017, attwalment il-konsenja saret fit-22 ta` Dicembru 2017. Unikament minhabba dan id-dewmien, kienet imposta penali mill-Korporazzjoni.

**Kellhiex il-Korporazzjoni jedd li timponi l-penali tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz hija l-pern tal-kwistjoni mertu ta` din il-kawza.**

**Il-Qorti sejra taghmel il-konsiderazzjonijiet li gejjin abbazi tal-provi ghaliex tqis li jincidu fuq id-decizjoni taghha.**

**1. <u>It-tempestivita` tat-talba ghal estensjoni</u>**

Il-Korporazzjoni tghid illi l-procedura ghall-estensjoni tat-terminu hija determinate fil-kuntratt ta` bejn il-partijiet. Infatti l-kuntratt ighid li talba ta` dik ix-xorta kull trid issir 15-il jum qabel id-data tal-iskadenza tat-terminu.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` attrici taghmel l-argument illi l-Korporazzjoni qeghda tinterpreta hazin **<u>l-Artikolu 20.2 fil-parti tal-kuntratt intitolata : *Extension of period of execution*</u>**.

Id-disposizzjoni taqra hekk :

> ***<u>Within 15 days of realizing that a delay might occur</u>***, *the Contractor shall notify the Project Manager of his intention to make a request for extension of the period of performance to which he considers himself entitled and, save where otherwise agreed between the Contractor and the Project Manager, within 30 days provide the Project Manager with comprehensive details so that the request can be examined.* (enfasi tal-qorti)

Id-dispozizzjoni hija cara u ma taghti lok ghal ebda interpretazzjoni jew kongetturi dwar kif ghandu jigi applikat it-terminu ndikat. Il-kuntratt ghandu terminu ta` hmistax-il jum sabiex tintalab estensjoni tat-twettieq li jibdew jiddekorru minn meta l-kuntrattur isir jaf "*that a delay **might** occur*". L-uzu tal-verb "***might***" huwa partikolari ghaliex jixhed l-ezigenza tal-Korporazzjoni li tigi avzata f`qasir zmien dwar il-possibilita` li ***jista`*** jkun hemm dewmien fil-konsenja.

Mix-xiehda tad-diretturi tas-socjeta` attrici, jirrizulta li fil-bidu ta` Settembru 2017 Jose Espinosa informa lis-socjeta` attrici li Düchting Pumpen kienet sabet diskrepanza fir-rigward tal-*casings.* Skont Ing. Cachia din l-informazzjoni waslet ghandi b`telefonata. Ma ftakarx id-data bil-preciz. Ighid illi minn hemm bdiet ghaddejja komunikazzjoni ma` d-ditta estera, is-socjeta` attrici bdiet tinsisti li tkun taf bil-preciz kemm kien se jdum il-process ghaliex ma rieditx li jkun hemm dewmien fl-ezekuzzjoni. In kontroezami, Ing. Cachia ppreciza li kien "*f`nofs Settembru, lejn l-ahhar ta` Settembru*" meta Espinosa kkonferma li l-*casings* kellhom jinhadmu mill-gdid.

Tajjeb jinghad illi mill-provi ma jirrizultax **b`certezza** meta Düchting Pumpen ikkomunikat b`mod ufficjali li l-*casings* kellhom jinhadmu mill-gdid. Mid-dokumentazzjoni esebita min-naha attrici, ma tirrizultax korrispondenza dwar dan il-punt. Bhala fatt, abbazi tax-xiehda tal-konjugi Cachia, jirrizulta illi fil-bidu ta` Settembru 2017 Düchting Pumpen avzathom kien hemm intopp. Imbaghad fil-kontroezami, Ing. Cachia jghid :-

> "*Mela ahna bhala kumpanija gejna nfurmati fil-bidu ta` Settembru, f`nofs il-bidu ta` Settembru, li kien hemm problema teknika fil-manifattura tal-prodott li jista` johloq problema zghira fid-dewmien fid-delivery tal-prodott*."[16]

---

[16] A fol. 274

Ikompli jixhed mil-lat tekniku.  Ighid li d-diskrepanza u r-*recast* tal-*casings* huwa process li jiehu z-zmien, sahansitra numru ta` gimghat, ghaliex il-manifattura hija *tailor made* ghall-ispecifikazzjonijiet tal-klijent.

Il-Qorti qieset b`attenzjoni x-xiehda in kontroezami ta` Dr Cachia, partikolarment meta tghid hekk :

> *"Ghax skont it-tender meta mbaghad qrajnieh qabel ma, ghandek two weeks qabel a certain date li trid tibghat l-ittra."*

Huwa evidenti li d-diretturi ta` s-socjeta` attrici ma kinux familjari mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt.  Dan kien rifless fil-passi li hadet il-parti attrici, ghaliex waqt illi kienet ilha mill-bidu ta` Settembru 2017 taf li kien inqala` ntopp li seta` jissarraf f`dewmien fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt ma kenitx tempestiva bizzejjed sabiex fil-pront tavza dwar dan lill-Korporazzjoni.  Ghalkemm hadet il-passi biex tassikura li d-dewmien ikun kemm jista` jkun mitigat, m`ghaddietx l-informazzjoni fil-pront kif kellha. Mhux kontestat li l-parti attrici ghamlet **<u>formalment</u>** it-talba ghall-estensjoni lill-Korporazzjoni b`ittra tat-12 ta` Ottubru 2017.

Tajjeb ikompli jinghad illi fix-xiehda tieghu Ing. David Sacco jikkonferma li Ing. Cachia kien cempillu biex javzah dwar id-dewmien. Pero` dderiega lill-Ing. Cachia sabiex iressaq it-talba tieghu **<u>b`mod formali</u>**.  Bhala fatt, dik it-telefonata saret ftit qabel inkitbet l-ittra.

Kenitx minhabba zvista jew minhabba nuqqas ta` familjarita` mal-kuntratt min-naha tad-diretturi tal-kumpannija attrici  jibqa` l-fatt illi s-socjeta` attrici wasslet l-informazzjoni lill-Korporazzjoni ferm wara li saret taf li kien possibilita` reali ta` dewmien fil-konsenja. Anke jekk ma tirrizultax bil-preciz id-data meta Ing. Cachia rcieva t-telefonata ta` Espinosa dan kien lejn il-bidu ta` Settembru.  L-informazzjoni lill-Ing. Sacco inghatat bil-miktub f`Ottubru 2017.

**Ghalhekk bhala fatt jirrizulta li s-socjeta` attrici ma ottemperatx ruhha mal-Art 20.2 tal-kuntratt.**

**Fl-istess waqt, dan accertat, il-Qorti tirrimarka li fil-kuntratt l-imposizzjoni tal-penali mhijiex marbuta mal-inosservanza tal-Art 20 izda hija nkwadrata fl-ambitu tal-Art 21 li jittratta ta` x`ikunu l-konsegwenzi ta` *delays in execution.***

## 2. <u>Ir-raguni ghat-talba</u>

Is-socjeta` attrici talbet l-estensjoni (anke jekk kienet tardiva) billi sad-data tal-konsenja li kienet indikata fil-kuntratt Düchting Pumpen ma kenitx sejra tilhaq tlesti r-*recast* tal-*casings* u tikkonsenja l-prodott miftiehem. Minghajr dak ir-*recast* il-prodott ma kienx se jkun *up to standard*.

Skont il-Korporazzjoni, bla hsara ghall-kwistjoni tat-talba tardiva, ir-raguni nnfisha (u allura anke li kieku t-talba ma kenitx tardiva) ma kenitx gustifikata ghaliex ma kenitx tinkwadra fit-tifsira ta` *force majeur* li tidjer fil-kuntratt.

Id-disposizzjoni rilevanti hija l-**<u>Arttikolu 38</u>** tal-kuntratt. Dan ighid :-

1. *Neither party shall be considered to be in default or in breach of its obligations under the contract if the performance of such obligations is prevented by any event of force majeur arising after the date of notification of award or the date when the contract becomes effective, whichever is the earlier.*

2. *For the purpose of this Article, the term "force majeur" means acts of God, strikes, lock-outs or other industrial disturbances, acts of the public enemy, wars whether declared or not, blockades, insurrection, riots, epidemics, landslides, earthqakes,*

*storms, lightning, floods, washouts, civil disturbances, explosions and any other similar unforesseable events which are beyond the Parties` control and cannot be overcome by due diligence.*

Jonathan Scerri xehed li kien hu, fil-kapacita` tieghu ta` Procurement Manager tal-Korporazzjoni, illi ha d-decizjoni li jirrespingi t-talba attrici. Qabel iddecieda, ma jirrizultax illi kkonsulta ma` hadd. Lanqas ma nvestiga l-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Ighid illi ra t-talba, ra l-Art 38 tal-kuntratt, u kien tal-fehma li r-raguni li tat il-parti attrici ma kenitx *force majeur*. Ghalhekk it-talba kienet rigettata.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` attrici taccetta li t-tifsira ta` *force majeur* ma tittrattax nuqqasijiet tal-manifattur. Pero` taghmel l-argument illi r-raguni taghha kellha tkun ikkunsidrata ghax kienet tinkwadra fil-parti tad-definizzjoni li tghid : *"any other similar unforeseeable events which are beyond the Parties` control and cannot be overcome by due diligence"*.

Fix-xiehda tieghu Jonathan Scerri jghid illi dewmien minhabba fatti u cirkostanzi attribwibbli lill-manifattur imorru lil hinn mill-parametri tal-kuntratt ghaliex il-kuntratt sar mill-Korporazzjoni u mis-socjeta` attrici. Ma` Düchting Pumpen, il-Korporazzjoni ma kellha ebda relazzjoni. Jekk inqalghu kwistjonijiet bejn is-socjeta` attrici u Düchting Pumpen dik kienet kwistjoni nterna ta` bejniethom lib l-ebda ma kienet tirrigwarda lill-Korporazzjoni.

Il-Korporazzjoni sahqet fuq dan fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha.

**Il-Qorti tikkondividi l-posizzjoni tal-Korporazzjoni li r-raguni li tat il-parti attrici ma taqax fid-definizzjoni ta` *force majeur* kif tidher fil-kuntratt.**

L-attrici taghmel l-argument illi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, ir-raguni taghha ma tinkwadrax bhala *force majeur*, l-istess raguni tista` tinkwadra taht klawsoli ohra fil-kuntratt.

In partikolari tirreferi ghall-**Artikolu 20.1** li jaqra :-

*The Contractor may request an extension to the period of execution if his performance of the contract is delayed or expected to be delayed, for any of the following reasons :*

*a) Extra or additional supplies ordered by the Contracting Authority.*

*b) Exceptional weather conditions in the country of the Contracting Authority which may affect installation or erection of the supplies.*

*c) Physical obstructions or conditions which may affect delivery of the supplies, which could not reasonably have been foreseen by a competent contractor.*

*d) Administrative orders affecting the date of completion other than those arising from the Contractor`s default.*

*e) Failure of the Contracting Authority to fulfill its obligations under the contract.*

*f) Any suspension of the delivery and/or installation of the supplies which is not due to the Contractor`s default.*

*g) force majeur.*

*h) any other causes referred to in the General Conditions which are not due to the Contractor`s default.*

**Il-parti attrici tirreferi in partikolari ghall-paragrafi (c), (f) u (g) [supra in calce].**

Meqjusa l-fattispeci tal-kaz odjern, jirrizulta li r-raguni ghad-dewmien kienet ghaliex Düchting Pumpen kienet esigenti fis-servizz li riedet taghti lill-kommittent taghha. Id-ditta manifattutrici hadet decizjoni li jsir *recast* tal-*casings* sabiex il-prodott johrog *up to standard* u jilhaq l-iskop u l-funzjoni li ghalih kien iddisinjat u ntiz. Ma hemmx dubju li d-decizjoni ta` Düchting Pumpen kienet tmur lil hinn mill-kontroll tas-socjeta` attrici.

**Diga` l-Qorti rrilevat aktar kmieni li r-raguni ma tinkwadrax fil-paragrafu (g) tal-Artikolu 20.1.**

**Lanqas ma tinkwadra fic-cirkostanzi ndikati fil-paragrafi (c) jew (f) tal-Artikolu 20.1.**

**Madanakollu hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi r-raguni ghad-dewmien tinkwadra fil-paragrafu (h) tal-Artikolu 20.1.**

**Din id-disposizzjoni trid tinqara flimkien mal-Artikolu 24.1 li jesigi li l-kwalita` tal-prodott trid tissodisfa t-*technical specifications* indikati fil-kuntratt.**

Fil-kaz taht ezami, id-dewmien kien ikkawzat unikament minn problema teknika fil-manifattura tal-prodott. Li kieku s-socjeta` attrici kkonsenjat prodott affett minn dak il-problema teknika, kien jigi rifjutat mill-Korporazzjoni. Is-sitwazzjoni marret ghal kollox barra mill-kontroll tas-socjeta` attrici ghaliex sabiex il-prodott jilhaq il-kwalitajiet mehtiega kien jiddependi ghal kollox mid-ditta manifattutrici.

**Jirrizulta li l-Korporazzjoni hadet ix-xhur sabiex tiehu decizjoni fejn tichad it-talba tas-socjeta` attrici ghall-estensjoni.**

**Mhux biss izda hadet decizjoni li jkun hemm rifjut f`April 2018 meta l-prodott kien diga` kkonsenjat f`Dicembru 2017, anke jekk tard meta meqjusa d-data tal-konsenja ndikata fil-kuntratt, u kien accettat mill-Korporazzjoni <u>minghajr riservi</u>.**

**3. <u>Il-penali</u>**

Is-socjeta` attrici tikkontesta l-legalita` u l-legittimita` tal-impozizzjoni tal-penali billi tghid illi ladarba kienet gustifikata t-talba taghha ghall-estensjoni tad-data tal-konsenja ma kienx hemm lok li tkun imposta penali.

Skont l-Artikolu 21.1 tal-kuntratt, il-partijiet kienu qablu li l-Korporazzjoni ghandha l-jedd timponi penali ghal kull jum ta` ritard li jirrizulta, "*If the Contractor fails under his own responsibility to deliver any or all goods*".

**<u>In linea generali</u>**, il-ftehim li jistabilixxi l-hlas ta` penali ghan-nuqqas ta` twettieq f`waqtha ta` obbligazzjoni li tintrabat biha wahda mill-partijiet jiddependi fuq is-siwi tal-ftehim ewlieni. **<u>[Art 1119(1) tal-Kap 16].</u>**

Il-klawsola penali hija ghamla ta` danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jehles mill-obbligu li jipprova li garrab hsara, ghaliex jistrieh biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-hin dak li mal-parti l-ohra jkun intrabat li jaghmel. (ara : **<u>Torrente</u> - <u>Manuale di Diritto Privato</u> -** par. 300 pag 490-1 **; u <u>Art 1120 tal-Kap 16</u>). <u>Ricci</u>** fil-pag 245 tal-Vol VI tal-**<u>Corso Teorico Pratico di Diritto</u> <u>Civile</u>** jirritjeni li klawsola penali hi intiza bhala : "*un obbligazione accessoria avente il duplice scopo di assicurare*

*l`adempimento dell`obligazione principale e di stabilire l` indennita` dovuta nel caso di non adempimento della medesima."*

Fejn il-klawsola penali tkun giet miftehma minhabba d-dewmien, l-effetti taghha ghandhom jibdew isehhu minn dakinhar li tghaddi d-data miftehma ghat-twettiq tal-obbligazzjoni, u mhux minn dakinhar li jkun sar il-ftehim li l-klawsola penali taghmel biss parti minnu. (ara : is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-16 ta` Ottubru 1998 fil-kawza "**Emanuel Caruana et vs George Camenzuli et**")

Il-ligi trid li l-kreditur ta` obbligazzjoni jaghzel bejn li jitlob it-twettiq tal-obbligazzjoni jew il-hlas tal-penali [**Art 1120(2) tal-Kap 16**)], sakemm il-penali ma gietx miftehma ghad-dewmien biss, f` liema kaz it-talba tat-tnejn hija possibbli [**Art 1120(3) tal-Kap 16**)].

Fl-**Art 1122(1) tal-Kap 16**, il-ligi taghti setgha lill-qorti li tnaqqas jew itaffi l-penali f`zewg kazi –

a) meta d-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun accetta espressament il-bicca li giet esegwita ;

b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u dik il-parti mill-esekuzzjoni tkun, fic-cirkostanzi, bic-car swiet lill-kreditur. Izda, f`dan il-kaz, ebda tnaqqis ta` penali ma jista` jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat ghall-penali, ikun irrinunzja espressament ghal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun giet miftiehma ghad-dewmien biss.

L-applikazzjoni ta` din id-dispozizzjoni, minkejja l-konsegwenzi taghha fil-prattika, gejja mir-rispett li jrid jinghata lill-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta` ligi bejniethom (*pacta sunt servanda*) [**Art 992(1) tal-Kap 16**] u li qorti m`ghandhiex tindahal fi ftehim bhal dan, jekk ma jkunx milqut b`xi difett li ggibu ma jiswiex.

Illum il-gurnata huwa accettat li l-applikazzjoni tar-regola mahsuba fl-**Art 1122 tal-Kap 16** trid titfisser ukoll fid-dawl ta` principju iehor ewlieni tad-dritt, u cioe` illi l-kuntratti jigu esegwiti in buona fede u jobbligaw, mhux biss ghal dak li jinghad fihom, imma wkoll ghall-konsegwenzi li ggib maghhom l-obbligazzjoni, skont l-ghamla taghha, b`ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi (**Art 993 tal-Kap 16**).

Dan ifisser li bl-applikazzjoni tal-principju *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit,* huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni ta` klawsola penali jigu ridimensjonati jekk jirrizulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaccettabbli skont in-normi stabbiliti tal-logika guridika.

Fis-sentenza riportata fil-**Vol.XLI P.II pg.1108**, inghad :-

*"Illi il-klawsola penali f`kuntratt hi klawsola li biha wiehed mill-kontraenti, sabiex jassikura l-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni minnu assunta, jobbliga ruhu ghal xi haga ghall-kaz li hu ma jezegwix l-obbligazzjoni li jkun assuma. Il-penali hekk kontrattata tirrapprezenta kumpens ghad-danni minhabba non-ezekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni`.*

Fis-sentenza riportata fil-**Vol.XLIII P.I pg.259**, inghad :

*"Illi l-htija fil-kaz ta` inadempjenza ta` obbligazzjoni hija nsita fl-inadempjenza stess, ammenokke l-parti inadempjenti ma tipprovax il-kaz fortuwitu jew il-forza magguri, jew raguni ohra ta` ezenzjoni mir-responsabilita`. U ghalhekk min jobbliga ruhu taht penali li josserva l-obbligi minnu assunti, hu obbligat li jhallas dik il-penali, jekk ma jipprovax hu illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-penali"*.

Fil-kaz odjern, il-penali kienet strettament marbuta ma` dewmien. Madanakollu l-Qorti ghandha tqis jekk kienx hemm raguni tajba sabiex ma tkunx imposta l-penali.

Tosserva li matul il-perjodu tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt, irrizultaw nuqqasijiet min-naha tal-Korporazzjoni mputabbli ghal burokrazija zejda u ghal telf ta` zmien f`komunikazzjoni bejn ufficjali tal-Korporazzjoni. Ghalkemm il-parti attrici kienet avzat lill-ufficjali tal-Korporazzjoni bl-intopp li kien inqala` fil-manifattura tal-*casings*, kien hemm insistenza min-naha tal-ufficjali tal-korporazzjoni li l-avviz jinghata bil-miktub meta l-Art 20.2 ma jsemmi ebda kitba. Il-parti attrici qaghdet mad-direzzjoni li nghatat meta baghtet l-ittra tat-12 ta` Ottubru 2017. Il-Qorti diga` rrilevat li l-fatt li seta` ma kienx osservat iz-zmien ta` 15-il jum skont l-Art 20.2, dak il-fatt ma kienx jiskatta l-penali.

**Tiskanta l-Qorti kif il-Korporazzjoni dehrilha li kellha dritt timponi penali skont l-Art 21 meta ma rrifjutatax *a tempo vergine* bhala tardiv l-avviz bil-miktub tal-parti attrici, meta accettat bla riservi l-konsenja tax-xoghol f`Dicembru 2017 bla ma wiegbet ghall-ittra tat-12 ta` Ottubru 2017, meta halliet ix-xoghol mhux utilizzat ghal xhur wara l-konsenja bla ma hallset lill-parti attrici, u finalment irrifjutat it-talba ghall-estensjoni f`April 2018 meta x-xoghol kien ilu konsenjat u accettat bla rizervi sa minn Dicembru 2017.**

**Din mhijiex kondotta accettabbli apparti li ma taghmel ebda sens thares mnejn thares lejn il-kwistjoni. Tajjeb li jkun rammentat li skont l-Artikolu 20.3 il-Korporazzjoni kellha taghti twegiba ghat-talba tar-rikorrenti fi zmien tletin jum. Dan ma sarx. Ghalkemm *pacta sunt servanda* huwa l-principju ewlieni tal-kuntratti, il-principju jghodd ghan-nahat kollha mhux ghal naha wahda biss. Ghalhekk huwa vitali li t-twettieq ta` obbligazzjoni ghandha tkun *in bona fides.***

Ghal din il-Qorti, huwa evidenti li l-Korporazzjoni marret ghall-penali minhabba biza` li xi ufficjali minn taghha (mhux kollha) kellhom li l-Korporazzjoni setghet titlef fondi gejjin mill-Unjoni Ewropeja. Jirrizulta li kemm meta harget is-sejha ghall-offerti, u kif ukoll meta sar il-kuntratt mas-socjeta` attrici, il-progett kellu jkun iffinanzjat lokalment. Kien fil-mori tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt li l-Korporazzjoni

wahedha dehrilha li kellha taghmel applikazzjoni sabiex il-progett ikun finanzjat minn fondi tal-U.E. Din il-bidla fl-approcc tal-Korporazzjoni ma kienx komunikat lill-parti attrici. Baqghet mhux edotta minn dan dan kollu sal-15 ta` Gunju 2018, kwazi sitt xhur wara l-konsenja, meta kellha tiffirma addendum addendum ghall-kuntratt originali.

Mar-ragunijiet diga` fuq riferiti ghala l-Korporazzjoni ma kellha ebda gustifikazzjoni ghalfejn timponi l-penali, il-Qorti zzid li zbaljat il-Korporazzjoni meta ghazlet li tapplika l-ittra tal-kuntratt u warrbet fil-genb l-ispirtu, u allura l-*bona fides*, li hija l-essenza ta` kull kuntratt, dan kollu sabiex wara li ghazlet tiffinanzjax il-progett lokalment biex tmur ghal fondi tal-U.E., process bil-wisq aktar strett minn dak lokali, ma ssibx ruhha fir-riskju li tispicca bla finanzjament minhabba dewmien. Il-Qorti ma ssibx li l-Korporazzjoni mxiet sewwa mal-parti attrici. Ix-xiehda ta` Ing. Galea St John hija skjetta, kif tikkonferma l-Korporazzjoni fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha.

Jidher evidenti ghal din il-Qorti li fil-kaz odjern il-Korporazzjoni gabet ruhha kif l-ahjar kien jaqbel ghall-interessi taghha a skapitu tas-socjeta` attrici. Il-Qorti tishaq li l-kumpless tal-provi juri bic-car li l-Korporazzjoni mponiet il-penali sabiex tassikuraha ruhha li ma tfallix fil-kisba tal-finanzjament mill-U.E. Ghal dan l-iskop applikat il-kuntratt kif l-aktar kif vantaggjuz ghaliha u, fejn ma kienx, imponiet bidla permezz ta` addendum li l-parti attrici sabet ruhha f`sitwazzjoni li kellha taccetta. Applikat il-penali minghajr wisq impenn sabiex tistharreg tassew jekk id-dewmien kienx gustifikat inkella le. Li kieku kien hemm dan l-interessament il-Korporazzjoni ma kenitx tiehu x-xhur biex tghid iva jew le ghal estensjoni tad-data tal-konsenja, bil-le tigi xhur wara li l-konsenja effettivament kienet diga` saret.

Il-Qorti tkompli tosserva li ma rrizultax li l-Korporazzjoni garrbet inkonvenjent jew danni ghall-progett bil-fatt li l-konsenja ma saritx fid-data prestabbilita. Sahansitra kellha dritt tispezzjona x-xoghol fil-Germanja waqt li kien qieghed jigi manifatturat, izda skartat din l-opzjoni. Ghal din il-Qorti mhuwiex skuzabbli li fi progett ta` importanza ghall-pajjiz, bhal ma kien dan, u cioe` l-upgrade tal-

impjanti tar-reverse osmosis, il-Korporazzjoni taghzel li ma taghmilx spezzjoni *in situ* fuq il-pretest ta` pressjoni ta` xoghol iehor.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet, il-Korporazzjoni taghmel argument fondat fuq ipotesi. Infatti tghid illi kieku kienet koncessa l-estensjoni li talbet il-parti attrici, jibqa` l-fatt illi l-konsenja attwalment saret gimaghtejn aktar miz-zmien li kienet talbet l-attrici. Sar dan l-argument sabiex issostni kemm kellha ragun li timponi l-penali. Ghalkemm irrizulta li l-konsenja saret fit-22 ta` Dicembru 2017, xorta wahda ma jistax jigi arguit li l-impozizzjoni tal-penali kienet gustifikata ghaliex sat-22 ta` Dicembru 2017 il-Korporazzjoni ma lissnet xejn dwar it-talba li kienet saret kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm mill-parti attrici aktar minn xahrejn qabel il-konsenja. Nafu li r-rifjut tal-estensjoni gie erba` xhur wara l-konsenja effettiva.

**Tenut kont ta` kollox, il-Qorti tghid li tikkonkludi li l-Korporazzjoni ma kellhiex jedd timponi l-penali. B`zieda mar-ragunijiet li fissret aktar kmieni, il-Qorti tishaq illi wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh li ladarba penali hija ghamla ta` danni prestabbiliti l-ghan taghhom ghandu jkun dak li jaghmlu tajjeb ghall-hsara li parti kontraenti ggarrab minhabba ksur kontrattwali li jkun kommess mill-parti l-ohra. Fil-kaz odjern minn imkien ma rrizulta li l-Korporazzjoni garrbet danni ta` xi xorta bil-fatt illi l-konsenja saret fit-22 ta` Dicembru 2017. Penali ma tista` qatt tkun ghodda ta` kastig. Lanqas ma ghandha tkun okkazjoni ghal parti li tistaghna bi hsara tal-parti l-ohra [App. Kumm. 15.12.1952 fil-kawza fl-ismijiet <u>Calleja noe vs Mamo pro et noe</u> (Kollez. Vol: XXXIV.i.367)]**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha.**

**Tilqa` l-ewwel (1) talba.**

**Tipprovdi dwar it-talbiet l-ohra, billi tikkundanna lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` sebgha u ghoxrin elf u tmienja u erbghin ewro (€27,048) bl-imghax legali b`effett mis-16 ta` Awwissu 2018 [data tan-notifika tal-protest gudizzjarju tad-9 ta` Awwissu 2018] sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tad-9 ta` Awwissu 2018.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**